KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 24** **Tlieta 27 ta' Ottubru 2020**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mikhail Micallef -Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Micallef. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 23**
**REF: 21.3.2 Kommunikazzjoni-Extension Change Request Review Board Decision Measure 4.4**

Is-Sindku qrat l-ittra ta' risposta mil-Perit tal-Kunsill li qed tiġi annessa bħala Appendiċi A.

Il-Kuntrattur kellu r-responsabiltà li jżur iż-żoni fejn kellu jsir ix-xogħol qabel ma tefa' l-kwotazzjoni, għalhekk il-membri preżenti unanimament approvaw li għal-San Pawl tal-Qlejja nimxu skont il-figuri, r-rati u l-*method statement* ta' kif ħarġu fit-tender, fejn il-kuntrattur

ikkwota s-somma ta' EUR 26,847+VAT sabiex jiġu restawrati partijiet dilapidati minn dan il-ħajt.

Il-fondi li jifdal wara li jkollna approvazzjoni mil-Awtorità ta' l-Ippjanar għandhom jintefqu fuq ħitan tas-sejjieħ oħra f'din l-ordni kif ġej u skont kemm jifdal fondi:

- Durumblat l-parti tal-bidu
- Triq il-Mitħna
- Triq Torri Cumbo

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil-Perit tal-Kunsill.

Fis-6:20pm daħal il-Viċi Sindku għal-laqgħa.

**REF: 22.3.8 Kommunikazzjoni - Kwotazzjoni għal-installazzjoni ta' CCTV kameras**
Il-Kunsillier Cassar nforma li kull ma fadal huwa biex nitolbu permess lis-sid tad-dar biex nqabdu d-dawl.

**REF: 23.4.2 Triq il-Bajtar**
Il-Viċi Sindku nforma li twaħħlu t-tabelli tal-*one-way* bi prova, u jidher li n-naħa ta' nżul issa ġiet *blind corner.*
Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li s-sistema tal-*one-way* fiż-żona jrid jsir eżerċizzju u għalhekk, qablu li bi prova fi triq il-Bajtar jkun hemm '*no right turn'* lejn triq il-Ħtajriet, u min triq il-Ħtajriet għal Triq Baskal Buhagiar, tkun direzzjoni l-isfel biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, li dawn it-tabelli ħa jsiru bi prova, wara din il-materja terġa titla laqgħa tal-Kunsill għal-deċiżjoni u eventwalment approvazzjoni ta' Transport Malta.

Fuq nota oħra, relatata ma Triq il-Bajtar u l-fondi tar-Reġjun, is-Sindku nfurmat li nhar it-tnejn kellu jibda x-xogħol fi Triq il-Bajtar u jidher li kien ser jkun hemm xi proġett ġdid ta' żvilupp. Saret diskussjoni, u l-membri preżenti qablu biex nkomplu bil-proġett tal-Kunsill irrelevanti jekk hemmx proġetti ġodda taż-żvilupp. Impossibbli li noqgħodu nieqfu minħabba proġetti oħra ta' żvilupp għax nispiċċaw ma nlestu qatt; jekk issir xi ħsara min terzi, dawn jridu jħallsu.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 23 .

**24.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**
**24.3.1- Korrispondenza - Applikazzjoni għal-Telework**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat talba għal-telework mis-Sa. Zammit Tabone għal sagħtejn kuljum, peress li t-tifel mhux fl-istess grupp (*bubble*) tat-tfal fejn jidħol trasport lura kif jispiċċa mil-iskola.
Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

Fuq l-istess tema, il-Kunsilliera Bonnici ressqet suġġeriment biex nerġgħu nibdew naħdmu *skeleton staff* kif konna bdejna fl-ewwel xhur tal-pandemija, imma b'differenza li nippruvaw inżommu l-istess gruppi ta' *bubbles*, għax jekk jinqala każ wieħed pożittiv bejn staff, jkollu jgħalaq il-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota tas-suġġeriment.

**24.3.2 Korrispondenza - Skema-SPI.SC.6.2020-Finanzjament għal-kreazzjoni ta' spazju miftuħa fiċ-ċentru tal ibliet u irħula f'Malta u Għawdex**

Is-Sindku qrat l-email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-finanzjament għal-kreazzjoni ta' spazji miftuħa. L-ispazji miftuħa f'Lokalità jinkoraġġixxu lir-residenti joħorġu minn djarhom u jkunu attivi. Dawn jikkontribwixxu wkoll għal titjib fl-ekonomija, fl-ambjent u fil-qasam soċjali. Għaldaqstant, huwa kruċjali li l-ippjanar u d-disinn ta' dawn iż-żoni jsir bil-ħsieb u skont il-ħtiġijiet tal-preżent u dak previst għall-futur.

Il-viżjoni tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali hija li l-Kunsilli Lokali jesploraw il-possibbiltà li jikkrejaw spazji miftuħa fil-Lokalitajiet rispettivi li jservu sabiex ir-residenti jkollhom post fejn jistgħu jirrilassaw u jissoċjalizzaw f'ambjent sigur u sabiħ. Dawn iż-żoni għandhom ikunu aċċessibbli u jippromwovu attivitajiet soċjali innovattivi għall-membri kollha tal-komunità.

L-iskop ta' dan il-finanzjament huwa appuntu, sabiex jgħin lill-Kunsilli Lokali jagħmlu dan aktar possibbli għall-komunità rispettiva tagħhom u jkunu f'pożizzjoni li jistgħu jikkrejaw jew jiżviluppaw spazji miftuħa f'żoni pedonali.

Il-membri preżenti unanimament qablu biex napplikaw għal dan il-finanzjament, u s-Sindku, Viċi u l-Kunsilliera Grech, Cassar, Bonnici, Gatt u Camilleri jkunu kumitat fuq dan il-proġett.

**24.3.3 Korrispondenza – Devoluzzjoni Ġnien Carmelo Dimech**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tkellmet mas-Sa. Fenech mid-Dipartiment tal-Lands rigward it-talba sabiex ningħataw il-permess li jsir *embellishment* u *maintenance* fi Ġnien Carmelo Dimech, kif wkoll it-talba għal devoluzzjoni ta' dan is-sit.

Il-Kunsilli Lokali huma diġà obbligati bil-liġi li għandhom id-dmir li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni u l-*upkeep* ta' postijiet pubbliċi fil-konfini tagħhom, u għalhekk is-Sa. Fenech qed tinsisti bħala Liaison Officer għal-Kunsilli Lokali fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet, li l-Kunsilli lokali li jitolbu *clearance* f'post pubbliku, li hu fil-konfini tagħhom, u li m'għandhomx titlu fuqu, m'għandhiex tintefa fuq il-Kunsilli l-kundizzjoni li jridu bilfors jitolbu għad-devoluzzjoni ta' siti, sakemm il-manutenzjoni ma jirrikjediex bini strutturali ta' ċertu portata u mhux se jsir kummerċjalizzazzjoni fl-istess sit jew f'parti minnu (bħal installazzjoni ta' kjosks).

L-Awtorità tal-Artijiet, b'permezz tat-Technical Committee qabel mas-suġġeriment tas-Sa. Fenech u qed tiġi ddraftjata *policy* f'forma ta' linja gwida dwar dan.

Rigward il-każ tagħna, laħqet ftehim mat-Technical Committee li ġaladarba rridu li jsir dan l-*embelishment* fi Ġnien Carmelo Dimech però ma nixtiequx li nidħlu f'kirja, m'għandniex għalfejn napplikaw għal devoluzzjoni ta' dan il-ġnien.

Però sabiex id-deċiżjoni tat-Technical Committee tiġi mibdula, hemm bżonn li nibgħatu bil-miktub, konferma minn naħa tal-Kunsill li dan l-*embellishment* mhux se jinvolvi bini strutturali kbir u li mhu se jsir l-ebda kummerċjalizzazzjoni f'dan is-sit jew f'partijiet minnu.

Rigward il-policy hekk kif tkun lesta u approvata min naħa ta' l-Awtorità tal-Artijiet, ħa tintbagħat lid-DLG biex jinfurmaw lil Kunsill Lokali u Reġjuni kollha sabiex tkun għad-dispożizzjoni tagħna.

Fuq nota differenti imma dwar l-istess ġnien, l-Viċi Sindku nforma li l-Ministeru bagħtu *clarifications* lil kuntrattur, li kien l-unika wieħed li tefa bid, u dan ma weġibx fiż-żmien stipulat, għalhekk irridu naraw x'ser jiġri min dan it-tender. Il-Viċi Sindku żied jgħid li probabbli jagħmlu '*negotiated procedure*'.

**24.3.4 Korrispondenza - Skema SPI.SC.5.2020 Manutenzjoni ta' sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern**
Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li proġetti infrastrutturali maġġuri li jiġu mwettqa mill-Gvern fil-komunitajiet tagħna jiġu miżmuma fi stat tajjeb. B'hekk ir-residenti tal-lokalità' jkunu jistgħu igawdu dan il-frott b'mod ġust.

Sabiex dan ikun aktar possibbli, fil-baġit ta' sena 2019 ġiet imħabbra miżura u twaqqaf fond speċjali ta' €200,000 biex il-Kunsilli Lokali jibbenifikaw minn fondi biex iwettqu manutenzjoni meħtieġa ta' dawn il-proġetti fil-lokalitajiet tagħhom.

Għat-tieni sena konsekuttiva dan il-fond, b'żieda ta' €100,000 reġa' ġie allokat. Għaldaqstant, din is-sena l-Kunsilli Lokali jistgħu jibbenefikaw minn €300,000 għal-manutenzjoni u sostenn ta' dawn il-proġetti.

Dawk il-Kunsilli Lokali li l-Lokalità' tagħhom ibbenefikat minn xi proġett li ġie mwettaq mill-Gvern mis-Sena 2017 'l hawn huma eliġibbli li japplikaw għal dan il-fond.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li napplikaw, għal spejjez li ntefqu fuq manutenzjoni tal-ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**24.3.4 Korrispondenza - Ċirk. SPI 10/2019- Skema Finanzjarja Żvilupp ta' libreriji lokali reġjonali f ċentri tal-lokalità'**
Is-Sindku f'isem il-Kunsilliera Rapa responsabbli mid-dekasteru ta' l-Edukazzjoni nfurmat li ser nitolbu estensjoni għal-din l-iskema peress li minħabba l-COVID 19, il-proġetti ma setgħux jsiru minħabba li kienu jinvolvu gruppi ta' anzjani u tfal.

**24.3.5 Kommunikazzjoni - Fanali Antiki fuq Arblu**
Is-Sindku preżentat il-kwotazzjoni ta' fanali stil antik fuq arblu. Arbli b'fanal wieħed jiswa €1,640.91 eskluż VAT u bi tnejn jiswew €2,770 eskluż VAT.

Il-membri preżenti unanimament approvaw biex mil-fond tad-Development Funds, jinbidlu il-fanali tal-pjazza u dawk maċ-ċentru ċiviku, u għażlu d-disinn kwadru li qiegħed bi tnejn.

Is-Sindku talbet biex tingħata kemm swew il-fanali li saru tul it-triq tal-Purċissjoni, dawk li kienu saru fi żmien l-eks Sindku Cassar, kif wkoll kemm ser jiswew dawk li ħa jsiru issa.

**24.3.6 Kommunikazzjoni - Stage biex jitmexxa fi Triq Imsiebaħ**
Is-Sindku nfurmat li daħal ilment min residenti fejn talbu biex tinbidel ir-rotta tax-xarabank li tgħaddi min triq l-Imsiebaħ, peress li din it-triq hija dejqa. Is-Sindku nfurmat li tkellmet mat-Trasport Pubbliku fejn ma qablux li tinbidel ir-rotta għax minħabba f'hekk jkunu jridu jinbidlu rotot oħrajn.

Fis-7:17pm daħlet għal-laqgħa il-Kunsilliera Rapa.

**24.3.7 Kommunikazzjoni - PA/09958/18-demolition of existing public convenience**
Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li għada ser jkun hemm is-seduta tal-Awtorità ta' l-Ippjanar dwar l-approvazzjoni tal-permess tal-latrini pubbliċi.

Il-Viċi Sindku nforma li l-Kunsill kien iddeċieda li l-kamra fejn hemm id-*disabled toilet* ma titneħħiex, però l-Perit tal-Kunsill biex ma jerġax jissottometti applikazzjoni ġdida biex titwaqqa d-*disabled toilet*, ħalla l-applikazzjoni kif inhi imbagħad japplika għal *minor amendment*.

Il-membri preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lil Perit tal-Kunsill jibda jaħdem fuq it-tender, u napplikaw għad-Development Funds.

**24.3.8 Kommunikazzjoni – Tat Targa Battery Utility Meters L1127/1965/1- Water & Electricity Bills**
Is-Sindku nfurmat li fil-laqgħa li kienet saret fis 7 ta' Jannar referenza tal-minuti 11.3.6, il-Kunsill kien approva li jitħallas l-kont tad-dawl u l-ilma mil-2015 il-quddiem, liema talba kienet ġiet milquwa mil-Lands Authority. Dan l'ammont kien €6,194.84, li ġie rivedut għal €4,238.55, imma għadu ma tħallasx peress li għad irridu naraw l-ammonti dovuti mil-għaqda tal-Mosta Scouts li qed jużaw Tat-Targa Battery.

Il-membri preżenti unanimament qablu li jitħallas il-kont minnufih, u jiġi ssetiljat l-ammont dovut mil-Mosta Scouts fil-jiem li ġejjien.

**24.3.9 Kommunikazzjoni - Updated Proposal - Winter Proposal TCTC**
Is-Sindku nfurmat li l-leżjonijiet ħa jkunu *recorded* bl-Ingliż u bil-Malti, fejn persuni jistgħu jerġgħu jirreferu għal il-leżjonijiet kemm il-darba jridu. Is-Sindku żiedet tgħid li talbet lit-TCTC biex lezzjoni fil-ġimgħa tkun <u>*live*</u> ma *tutor*, għal mistoqsijiet li jistgħu jkollhom l-istudenti.

Il-membri preżenti unanimament qablu li dawn il-lezjonijiet ma jsirux *recorded*, u għandhom jsiru wara li tgħaddi l-pandemija COVID-19. Għalhekk din il-proposta ma ġietx milqugħa għal din is-sena.

**24.3.10 Kommunikazzjoni - Quotation CCTV Cameras on 3rd Party**
Is-Sindku nfurmat li l-kwotazzjoni ta' CCTV kameras bl-NVR huma ta' €731.60 inkluż VAT, u jekk mmorru Cloud €724.52 inkluż VAT.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li mmorru Cloud u approvaw il-kwotazzjoni ta' €724.52 inkluż VAT.

Il-Kunsillier Cassar talab informazzjoni ta' kif bqajna fuq ir-rifużjoni tas-CCTV *cameras* li qegħdin mal-ħajt tal-Knisja.

**24.3.11 Kommunikazzjoni - Talba biex jissemma l-isqaq bli hemm fi Triq il-Kunċizzjoni**
Is-Sindku nfurmat li waslet talba biex sqaq li hemm fi triq il-Kunċizzjoni tingħata isem.
Il-Kunsilliera talbu biex tintbagħat pjanta biex tiġi indikata liema huwa dan l-isqaq.

**24.3.12 Kommunikazzjoni** - **Problema ta Hornets**
Is-Sindku nfurmat li f'diversi żoni qed jkun hemm bosta *hornets* li huma perikolużi u għalhekk ħa tistaqsi lil Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali x'jista' jsir, u s-Segretarju ħadet nota biex tistaqsi kollegi Segretarji Eżekuttivi oħra jekk qagħadx ltaqgħu ma din it-tip ta' problema fil-lokalità tagħhom.

**24.3.13 Kommunikazzjoni** - **Tabella Skola Santa Monica**
Il-Kunsilliera Cassar nforma li l-ħin ta' din it-tabella jrid jinbidel min 8:15 għat 8:00, peress li uħud mil l-iskejjel bħalissa bidlu l-ħinijiet tat-dħul peress li lis-studenti qed jidħlu f-ħinijiet differenti minħabba l-COVID 19. Is-Sindku nfurmat li fejn jidħlu tabelli ta' skejjel suppost jinbidlu min Transport Malta.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li anke l-skola Kulleġġ Maria Regina, fi Triq Grognet trid tinbidel. Il-Kunsillier Camilleri tkellem ma l-amministrazzjoni tal-Iskola u idealment t-triq tingħalaq filgħodu mis-7:45 sat 8:45 u wara nofsinhar mis-13:45 sas-14:30.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li peress li dawn il-ħinijiet nbiddlu temporanjament minħabba l-pandemija, għandhom jitwaħħlu *stickers* u mhux tinbidel it-tabella.

**24.3.14 Kommunikazzjoni** - **Letter to establishments tables and chairs**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tintbagħat ittra li qed tiġi annessa bħala Appendiċi B, lil l-istabbilimenti kollha li jinsabu fil-pjazza biex jiġu jirreġistraw kopja tal-permess tat-*tables and chairs.* Dan għaliex hemm min m'għandux permess u xorta qed jinħarġu mwejjed u siġġijiet, u hemm min għandu permess imma mhux jżomm mal-pjanta tal-permess.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-ittra biex tintbagħat lil kull stabbiliment li qed joħorġu l-imwejjed u siġġijiet fuq il-bankini, kif wkoll dawk li għandhom *vending machines* fuq il-bankini.

**24.3.15 Kommunikazzjoni** – **Proprjetà ta' garaxx għal-xiri.**
Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill għadux bl-intenzjoni li xi darba jkollu l-proprjetà tiegħu fejn jista' jaħżen il-materjal u tagħmir, flok nibqgħu nikru.

Il-membri preżenti unanimament approvaw biex is-Segretarju Eżekuttiv tfittex proprjetà ta' garaxx.

**24.3.16 Kommunikazzjoni – Quotation works at Civic Centre in front of lift shaft and surrounding soft area.**
Is-Sindku preżentat kwotazzjoni ta' €5,782 inkluż VAT biex jinqala ċint ta' quddiem iċ-ċentru ċiviku, jinqalgħu il-Yukkas u l-Palmi, liema Palmi jridu jinżraw post ieħor u jinbena mil-ġdid ċ-ċint u jitħawlu pjanti oħra. Dan ix-xogħol jrid jsir peress li l-għeruq qed jimbuttaw il-ħajt li jmiss max-xaft tal-lift.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni.

**24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**24.4.1 – Toroq min Infrastructure Malta**

Il-Viċi Sindku ta' *update* tax-xogħolijiet li qed jsiru min Infrastructure Malta, fejn fi triq il-Kbira ma kienux ser jagħmlu *culverts*, imma wara li kellimhom flimkien mas-Sindku, issa dawn ser jsiru min Triq San Pawl tal-Qlejja sas City biex tiġi ndirizzata l-problema ta' l-għarar li hemm fi triq il-Kbria. Saret diskussjoni dwar *culverts* f'toroq oħra u dawk tal-pjazza li eventwalment jridu jitwessgħu.
Dwar triq il-Ġnejna l-Viċi nforma li talbu lil Infrastructure Malta biex jidħlu f'din it-triq biex jqabbdu magħha wkoll, però din għada mhux konfermata u qed nistennew risposta.

Rigward triq il-Kbira min fejn l-Army Surplus l-fuq, il-Viċi Sindku nforma li riedu jikkonvinċi lil Infrastructure Malta biex tibqa *2 way*, però din ħa tiġi *one-way* għax ma waslux fuqha waqt id-diskussjonijiet. L-assessjar tagħha ħa jsir min Transport Malta peress li l-bankina ħa titwessa u ħa ssir bankina fejn m'hemmx. Il-Kunsilliera talbu biex jiġi ssuġġeriet li la ħa ssir *one-way* tkun direzzjoni l-fuq.

Dwar triq Durumblat, il-Viċi qal li ħa ssir *roundabout* fi żewġt it-truf ta' Durumblat, jiġifieri Attard u Swaey. La darba ikunu lesti dawn ir-*roundabouts* min joħroġ minn Triq il-Mitħna direzzjoni lejn Ta' Qali jrid imur idur mar-*roundabout* ta' Ħ-Attard u viċi-versa min ġej minn Ħ'Attard u jrid jidħol Triq il-Mitħna jrid imur idur mar-*roundabout* ta' Swaey. Sakemm isiru dawn ir-*roundabouts* Triq il-Mitħna ser tibqa tiffunzjona kif inhi llum.
Saret diskussjoni dwar id-direzzjoni tat-toroq kif ser jinbidlu biex Infrastructure Malta jnaqqsu mit-traffiku.

Il-Viċi kompla jgħid li bħala toroq oħra approvati minn Infrastructure Malta għandna Farinal, Parjan, Bergamott li t-tender għalihom huwa diġà miftuħ u Rumani, Fuħħar, Msaqqfin u Rafel Caruana Dingli għadhom kif ġew approvati li jiddaħħlu mal-*batch* li jmiss. Dwar it-triq Rafel Caruana Dingli l-Viċi nforma li din ħadet post Triq Manwella bi qbil magħhom għax fi Triq Manwella għad trid tiġi studjata l-problema ta' l-għarar.

**24.4.2 – Skema LC Care**

Il-Kunsilliera Bonnici tat rendikont fejn hemm fondi li nistgħu nagħmlu xelters bihom, fejn intgħażlu ż-żoni fejn ma jtellfu lil-ħadd u m'hemmx residenti. Il-*cat feeders* nfurmati li jekk jkollna xi lmenti rridu nsibu post alternattiv.

**24.4.3 – Public Toilets**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li qed jaslulha lmenti fuq il-*public toilets,* fejn hemm ħġieġ mkisser u nuqqas ta' *toilet paper.* Il-Kunsilliera Bonnici ssuġġeriet li għandu jkun hemm *attendant* sakemm jsiru l-latrini l-ġodda.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ta' spiss jinsteraq it-*toilet paper*, u l-kuntrattur jiġi jnaddaf ta' l-inqas 4 darbiet kuljum, fejn jitilgħu jiffirmaw kull siegħa u nofs.

Fit-8:53pm il-Viċi Sindku talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

**24.4.4 – Ġnien Zokkrija**

Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk tistax ssir grada għax qed jaqbżu t-tfal ġewwa l-iskola fejn hemm il-gym. Il-Kunsilliera Cassar nforma li l-grada li tmiss man naħa ta' l-iskola responsabbli li iżommuha magħluqa l-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li hemm gradi oħrajn li jgħatu

għal barra mat-triq, li ġew ordnati. Però għalissa xogħol mhux jsir sakemm nirċievu l-approvazzjoni tal-fondi.

**24.4.5 – Proġetti**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-Viċi jitfa bosta posts fuq il-*facebook page* tiegħu ta'proġetti li qed jsiru mil-Kunsill, liema proġetti mhux qed jsiru mil-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar staqsa wkoll għal *status update* fuq il-proġetti li qed jieħu ħsieb il-Viċi Sindku. Staqsa dwar ir-riġenerazzjoni tal-Pjazza u dwar it-*traffic management* fejn għadna ma smajna xejn. Din il-materja jkun jrid jistaqsiha kull laqgħa imma kif naslu għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, il-Viċi jkun telaq mil-laqgħa, għalhekk hemm bżonn li jibqa' sa l-aħħar tal-laqgħa.

**24.4.6 – Kuntratt tat-Targa Battery**
Il-Kunsillier Cassar fakkar li daqt jiskadi l-kuntratt tat-Targa Battery, biex nieħdu ħsieb li jiġġedded.

**24.4.7 – Qalbiena Mostin**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li għal din is-sena minħabba l-pandemija, mhux ser jsir il-korteo bħas-snin ta' qabel. L-ittra ta' invit bid-dettalji ħa tintbagħat lil għaqdiet u s-soċjetajiet, kif wkoll lil-Kunsilliera.

**24.5 Rapporti**

**24.5.1 Bye Law Ġonna**
Il-membri preżenti unanimament approvaw il *bye-law* tal-ġonna li saret bl-Ingliż.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil-Avukat tal-Kunsill biex issa jlesti l-istess *bye-law* bil Malti, ħalli nkunu nistaw ngħadduha għal approvazzjoni u l-pubblikazzjoni.

**24.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**24.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 109.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 30 ta' Settembru 2020 sas-27 ta' Ottubru 2020.

**24.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**24.6.3 Works Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**24.6.4 Petty Cash**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri x-xahar ta' Settembru 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**24.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:05 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-24 ta' Novembru 2020 fis-6:00pm.

Konfermati llum 27 ta' Ottubru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |